MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Rikors Kongunt Numru. 421/2013

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-divorzju, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Gunju 1993 u ghandhom zewg subien, F ta' erbatax-il sena (14) u T ta' sabtax-il sena (17);

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlo tad-19 ta’ Frar 2004, liema kuntratt gie awtorizzat permezz ta’ digriet tat-18 ta’ Frar 2004; kopja awtentikata tal-kuntratt qed tigi hawn Assa u mehmuza bhala Dok. A;

3. Illi l-esponenti jaqblu li z-zwieg ta’ bejniethom jigi mahlul, u jiddikjaraw wkoll:

a. illi ghaddew iktar minn erba’ snin minn meta sseparaw legalment;

b. illi ma hemm ebda propsett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

c. illi ser jinzammu l-istess kundizzjonijiet ta’ kura u kustodja fir-rigward tat-tfal, kif stipulat fil-kuntratt ta’ separazzjoni hawn Ass;

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti umilment jiddikjaraw li jissussistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tholl iz-zwieg taghhom u taghti digriet ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici, Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta;

Talab li din il-Qorti joghgobha :

Tholl iz-zwieg ta’ bejniethom u taghti digriet ta’ divorzju skond il-ligi, kif ukoll sabiex tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Settembru, 2013;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Ottubru 2013 li permezz tieghu ir-rikorrenti C B ceda ir-rikors tieghu, izda ir-rikorrenti A B iddikjarat illi mhijiex qeghda icedi ir-rikors taghha;

Rat l-affidavit bix-xhieda ta’ C B, kif ukoll l-affidavit bix-xhieda ta’ Aa Maria B;

Semghet lil A B tixhed bil-gurament taghha;

Rat ir-rikors konguntiv ta’ C B u A B tas-17 ta’ Dicembru 2014, li permezz tieghu talbu lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza peress illi kienu irrizolvew il-pendenzi li kien hemm bejniethom rigward hlas ta’ manteniment dovuti minn C B lil A B;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota konguntiva tal-imsemmija partijiet tas-17 ta’ Dicembru, 2014;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti A B irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ Frar, 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi issa ma hemmx pendenzi aktar dwar hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------